IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru20 (għoxrin) tad-disa' (9) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it- Tnejn 5 ta' Frar, 2026, fl-4.30pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Viċi Sindku | Michael Mifsud |
| Il- Kunsillier | Mary Doris Borg |
| | Raymond Duncan |
| | Antonia Buttigieg |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sur Neil Attard ippresedja l-laqgħa.

**20.1. Item Nru 20.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

20.1.1 Il-Laqgħa bdiet fl-4.35pm u kulħadd kien preżenzi.

**20.2. Item Nru. 20.2 fuq l-Aġenda – Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

20.2.1 Il-Minuti ittieħdu moqrija u ma kienx hemm korrezzjonijiet. Il-Minuti ġew approvati b'mod unanimu.

**20.3 Item Nru. 20.3 fuq l-Aġenda - Komunikazzjoni mis-Sindku**

20.3.1 Is-Sindku informa li l-art madwar il-ground tal-football issa hija uffiċjalment devoluta lill-Kunsill u l-kuntratt ġie ffirmat.

20.3.2 Is-Sindku qal li saru rapporti l-għassa tal-pulizija mil-President tax-Xgħajra Tornados rigward aċċess magħluq mil-Kunsill għal sit. Saret ukoll kwerela għaliex ġie dikjarat li hemm dokumenti sensittivi li jappartjenu lix-Xgħajra Tornados u li issa ma

jistawx jaċċessawhom. Il-Kunsill ser jikkuntattja lill-infurzar tal-Lands biex jinbidlu l-locks huma stess biex jiġu evitati proċeduri legali.

20.3.3 Is-Sindku ppropona stqarrija biex jirringrazzja lill-Prim Ministru talli sema' l-petizzjoni tar-residenti.

Dwar il-ground tal-football, l-avukat qed isegwi l-każ ta' dħul illegali bi scooters, roti u klieb li qed jikkawżaw ħsara fil-fencing. Is-Sindku kompla u ppropona li, kif ikollna kollox sewwa nibdew xogħol ta' manutenzjoni fil-binja sabiex ikun jista jintuża u jitgawda aħjar mil-komunita bil-possibilta li jsir anke *Day Centre.*

20.3.4 Is-Sindku rringrazzja lill-Pulizija tal-Komunità, lill-ħaddiema tat-tindif u lill-membri kollha li għenu waqt il-jiem tal-maltemp.

Is-Sindku nnota ħsarat kbar max-xatt u fil-palm. Il-Kunsill ser jirraporta dawn il-ħsarat lil Gvern biex jinġiebu fondi tal-UE għal Malta kollha.

Parti mix-xatt tidher li qiegħda mibnija fuq it-terrapin u ħamrija għalhekk irid isir studju sabiex jiġi infurzat il-prominade. B'hekk jiġi evitat kull periklu li jistaj inqala.

20.3.5 Is-Sindku qal li bħal kull sena l-Kunsill ġie mistieden mil-iskola tal-Verdala sabiex jippreżenta ktieb lil student f'Jum il-Premjazzjoni. Kulħadd qabel li jinxtara ktieb għal din l-okkazjoni.

20.3.6 Is-Sindku qal li wara li applikajna sabiex jinxtara van tal-elettriku taħt l- skema bl-isem ta' "Lokalitajiet aktar sostenibbli", il-kunsill ġie infurmat li l-applikazzjoni ġiet aċċettata u saret il-preżentazzjoni tal-ftehim. Issa imiss li nibdew il-proċeduri għal procurement.

20.3.7 Is-Sindku tkellem dwar il-ħaddiema u qal li minn l-aħħar laqgħa sar progress bl-introduzzjoni ta' supervisor.

20.3.8 Is-Sindku qal minn l-aħħar laqgħa tneħħew il-Bring in site ta' fejn il-Kunsill u xorta kien hemm persuna li ġiet tarmi. Din inqabdet bil-cameras u inħarġet ċitazzjoni ta' €450.

20.3.9 Is-Sindku qal li dwar events għalissa għadhom ma ħarġux l-iskemi għas-sena 2026. Huwa kompla u qal li l-Ħadd l-għadda tnieda l-proġett tar-Reġjun li dinis-sena huwa r-Regjun tal-Kultura u kull kunsill fosthom ix-Xgħajra għandna fondi adisposizzjoni biex jintużaw f'avvenimenti.

20.3.10 Is-Sindku ippropona li nibdlul-plakka ta' ġnien ix-xatt u ssir ġdida.

**20.4 Item Nru 20.4 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

20.4.1 Is-Sur Michael Mifsud ippropona niktbu lil tal-Lifelong learning sabiex nibdew noffru l-korsijiet fix-Xgħajra fiċ-ċentru ta' fejn il-librerija. Kulħadd qabel li tintbghat din il-proposta lil Lifelong learning.

20.4.2 Is-Sur Mifsud staqsa jekk il-culverts tnaddfux wara x-xita. Is-Segretarju qallu li bdew jitnaddfu.

20.4.3 Is-Sur Mifsud staqsa wkoll jekk nistgħux nirrestawraw il-plakka tal-monument tal-Ħelsien u kulħadd qabel.

20.4.4 Is-Sur Mifsud staqsa dwar il-ħitan tas-sejjiegħ nistgħux inkellmu lil Infrastruttura Malta sabiex jirrangawh huma bħal ma kienu għamlu fi Triq Karmelo Ritchie. Il-kunsill qabel li niktbu lil IM.

20.4.5 Is-Sa. Borg staqsiet jekk nistgħux nagħmlu l-isem Alijoy Centre fuq il-bieb tal-garage b'permezż ta' sticker wisa ta' 2 bibien.

20.4.6 Is-Sinjura Doris Borg qalet staqsiet nistgħux inneħħu t-tabelli u l-poles minn quddiem il-Knisja biex ma jarmux żibel. Kulħadd qabel li jitneħħew.

20.4.7 Is-Sinjura Borg staqsiet jekk aħniex interessati fil-proġett Bridges of Trust u min ser jipparteċipa għal online meeting. Is-Sindku qal li ser ikun qed jipparteċipa huwa.

20.4.8 Is-Sinjura Doris Borg staqsiet dwar il-bus bay ta' Triq Sant Elija għaliex għada ma saritx. Is-Segretarju qallu li ga kellimhom u qalulu li fil-proċess li ssir.

20.4.9 Is-Sa. Borg qalet li ta min niktbu l-ERA wkoll sabiex isiru checks b'uffiċjali pajżana f' dawk il-postijiet li l-aktar għandna problema ta' rimi illegali. Kulħadd qabel.

20.4.10 Is-Sa. Borg staqsiet jekk nistgħux niktbu lil ERA wkoll sabiex naraw nistgħux naqalgħ u is-siġar taż-żebbuġ li tħawlu fejn il-knisja u li issa jidher li qed jikkawżaw ħsarat. Il-Kunsill qabel li niktbu l-ERA u nistaqsu dwarhom.

20.4.11 Is-Sa. Doris ipproponiet li nagħmlu żewġ qsari bil-pots quddiem il-Knisja biex tissebbaħ iz-zona. Kulħadd qabel.

20.4.12 Is-Sa. Borg qalet li fil-25 ta' Frar għandna attività għal anzjani però l-post għadu mhux konfermat.

20.4.13 Is-Sa. Borg xtaqet tirringrazzja pubblikament lis-Sindku tal-ħidma waqt il-ġranet tal-maltemp fejn mar fejn kien hemm il-ħsarat u naddaf anke ġebel mit-triq. Is-Sindku xtaq jirringrazzja wkoll lil Pulizija tal-komunità u lil Cleansing li assistew ukoll.

20.4.14 Is-Sur Raymond Duncan staqsa dwar il-kanal li hemm fi Triq l-Ispnott li jidher qed jinżel wara xogħol ta' tqattieh fit-triq. Is-Segretarju qal li ilna nibgħatu emails lil Infrastruttura Malta u l-Water Services biex naraw meta ser jirranġaw. Dawn tal-aħħar infurmawna li ser issir it-tiswija fil-ġimgħat li ġejjin.

20.4.15 Is-Sur Duncan staqsa jekk trakk kummerċjali jistax jipparkja fejn il-bandli u jħallih hemm. Is-Sindku qal li ser jiċċekkja mal-Pulizija però jidher li jinsab iktar minn 50m -il bogħod mil-abitat.

20.4.16 Is-Sur Duncan ippropona li ssir *tool box* bħal ma saret waħda ġewwa Ħaż Żabbar li ikun fiha ftit għodda utli biex issewwi xi ħaġa fuq il-post. Is-Sindku qal li ma kienx jaf biha u ser jistaqsi jekk din l-inizzjattiva hijiex mir-Reġjun.

20.4.17 Is-Sur Duncan qal li waqt laqgħa tal-forum tal-partit kellu konferma li lil Kunsill tal-Kalkara inqatalu d-dejn li kellu bl-għajnuna tad-Dipartiment. Is-Sindku qallu li dawk imma kellhom kuntratturi li kienu għadhom ma tħallsux mhux bħal Kunsill tax-Xgħajra li mhuwiex dejn reali.

20.4.18 Is-Sinjura Antonia Buttigieg staqsiet dwar il-bozoz taż-żebra crossing meta ser isiru. Is-Segretarju qal li l-bozoz inxtraw u ser jitwaħħlu fil ġimgħat li ġejjin.

20.4.19 Is-Sur Mifsud ippropona li isiru Ubars fi Triq San Ġakbu minħabba t-traffiku. Is-Sindku qal li saru anke double like u bollards però għadhom bil-problema. Ser jiċċekkja ma' TM dwarha.

**20.5 Item Nru. 20.5 fuq l-Aġenda – Rapporti**

20.5.1 Ma kienx hemm rapporti oħra

**20.6 Item Nru. 20.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

20.6.1 Is-Sindku tkellem dwar email li irċevejna minn persuna li qed jitlob spjegazzjoni għaliex it-tinda li għandna il-Kunsill ma għandix permess. Il-Kunsill ħa parir mil-Avukat tal-Kunsill u ta l-parir tinħareġ din l-istqarrija:

*Illi la l-individwu konċernat ma għandux interess ġuridiku, la hu awtorità, la ġurnalist u lanqas resident fix-Xgħajra, il-Kunsill ma għandux l-obbligu li jwieġeb.*

Il-Kunsill qabel unanimament ma' dan il-parir.

Fuq l-istess tema is-Sindku ippropona li ssir DNO fuq it-tinda ta' ġewwa l-Kunsill u tiġi regolarizzata. Dan sabiex tkun imħejjija wkoll għal meta jkollna l-Van il-ġdid. Kulħadd qabel ma din il-proposta però sar qbil li l-ewwel nistennew il-konferma tal-fondi tal-Van qabel nagħmlu xi spejjeż.

**20.7 Item Nru. 20.7 fuq l-Aġenda – Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

20.7.1 Pagamenti b'numru 19 ġew approvati unanimament.

**20.8 Item Nru. 20.8 fuq l-Aġenda – Mozzjonijiet;**

20.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**20.9 Item Nru. 20.9 fuq l-Aġenda – Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

20.9.1 Il-laqgħa intemmet fis-7.15pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 26 ta' Frar fl-4.30pm.

Ranier Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Neil Attard
Sindku